IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.1.2015
COM(2015) 17 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-merkanzija bit-triq

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-merkanzija bit-triq

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 3
1.1. Għan tar-rapport 3
1.2. Sfond: il-qafas ġuridiku 3
1.3. Kuntest tal-politika 3
1.4. Kopertura tal-Istati Membri u pajjiżi oħra 4
2. IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT 5
2.1. Konformità mal-obbligi ġuridiċi 5
2.2. Metodi użati għall-ġbir ta' dejta 5
2.3. Piż amministrattiv 5
2.4. Tnaqqis u simplifikazzjoni tal-piż amministrattiv 6
2.5. Validazzjoni tad-dejta u kwalità tad-dejta statistika mibgħuta 6
2.5.1. Validazzjoni tal-mikrodejta u verifiki tas-serje taż-żmien 6
2.5.2. Valutazzjoni komparattiva tar-riżultati ma' statistika oħra 7
2.6. Appoġġ metodoloġiku 7
3. RIŻULTATI TAL-ISTATISTIKA 9
3.1. Xejriet fit-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-UE 9
3.1.1. Żvilupp tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-UE 9
3.1.2. Kabotaġġ 10
3.2. Publikazzjoni tad-dejta 10
3.2.1. Tabelli tal-Eurobase 10
3.2.2. Pubblikazzjonijiet 10
4. PROPOSTI GĦAL ŻVILUPPI ULTERJURI 11
4.1. Sfidi ġodda 11
4.2. Proposti għall-iżvilupp tal-bażi ġuridika 11
5. KONKLUŻJONIJIET 12

1. INTRODUZZJONI

1.1. GĦAN TAR-RAPPORT

L-Artikolu 7 tar-Regolament dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq[1] jeħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2014.

Dan ir-rapport jissodisfa dak ir-rekwiżit. Huwa jiddefinixxi l-isfond, il-kuntest tal-politika u l-kopertura tal-leġiżlazzjoni, u jiddiskuti l-implimentazzjoni tiegħu, il-prospetti tal-istatistika u l-pubblikazzjoni tagħhom. Imbagħad jiddefinixxi żviluppi futuri possibbli u jikkonkludi li r-Regolament tejjeb il-kwalità tad-dejta u l-puntwalità.

1.2. SFOND: IL-QAFAS ĠURIDIKU

Ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 huwa riformulazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 u emendi sussegwenti li kellhom l-għan li jikkonsolidaw il-bażi ġuridika għall-ġbir tad-dejta dwar it-trasport bit-triq u jġibuha konformi mat-Trattat ta' Lisbona billi jiddelegaw is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali biex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv. Ir-Regolament jipprovdi l-bażi ġuridika għall-ġbir ta' firxa wiesgħa ta' dejta dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq. Barra minn hekk, il-provvediment ta' mikrodejta ta' stħarriġ dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq, jiżgura kwalità u komparabbiltà tal-informazzjoni statistika prodotta.

Ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 għandu l-għan li jiżgura li l-Kummissjoni, istituzzjonijiet oħrajn tal-UE u gvernijiet nazzjonali jiġu pprovduti b'dejta statistika komparabbli, affidabbli, armonizzata, regolari u kompresiva dwar l-iskala u l-iżvilupp tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Din id-dejta hija meħtieġa sabiex tiġi inkwadrata, mmonitorjata u evalwata l-politika tal-UE.

L-Istati Membri jibagħtu l-informazzjoni lill-Eurostat fil-forma ta' mikrodejta: din tippermetti lill-Eurostat, soġġett għal salvagwardji dwar il-kunfidenzjalità, li jipprovdi lill-utenti b'tabelli statistiċi li jinkludu ħafna kombinazzjonijiet differenti ta' varjabbli.

Ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tfassal biex il-piż fuq l-impriżi tat-trasport jiġi limitat għal minimu. Il-ġbir ta' dejta huwa bbażat fuq stħarriġ kampjun. Għalhekk, tintalab informazzjoni biss għal kampjun ta' vetturi ta' transport, u għal perjodu ta' żmien qasir (ġeneralment ġimgħa). L-Istati Membri jistgħu jeskludu wkoll mill-istħarriġ vetturi iżgħar.[2]

1.3. KUNTEST TAL-POLITIKA

L-iżvilupp ta' politika komuni tat-trasport jeħtieġ għarfien fil-fond tal-iskala u tal-iżviluppi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

[1] Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq. ĠU L 32, 3.2.2012.

[2] Kull Stat Membru jista' jeskludi vetturi tat-trasport bit-triq li għandhom kapaċità ta' tagħbija jew piż massimu permessibbli taħt ċertu limitu mill-iskop ta' dan ir-Regolament. Għal vetturi bil-mutur singoli, il-limitu jista' ma jaqbiżx kapaċità massima ta' 3.5 tunnellati jew piż massimu permessibbli ta' 6 tunnellati.

Ir-rilevanza tal-politika dwar id-dejta hija għolja ħafna: fil-White Paper The data's policy relevance is very high: in the White Paper *Roadmap to a Single European Transport Area — Towards a competitive and resource efficient transport system (Pjan Direzzjonali għal Żona Unika tat-Trasport Ewropew – Lejn Sistema tat-Trasport kompetittiva u effiċjenti fir-riżorsi)*,[3] ġew stabbiliti għaxar għanijiet għal Sistema tat-trasport kompetittiva u effiċjenti fir-riżorsi (bħala punti ta' referenza għall-ilħuq tal-mira ta' 60% tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra). Hija meħtieġa aktar statistika ddettaljata tat-trasport tal-merkanzija bit-triq sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fl-ilħuq ta' xi wħud minn dawn l-għanijiet (pereżempju l-għan li sal-2030, 30% tal-attività tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fuq distanzi ta' iktar minn 300 km tinbidel għal modi oħrajn ta' transport). Dokumenti tal-politika riċenti bħar-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tas-Suq tat-Trasport bit-Triq tal-Unjoni (*Report on the State of the Union Road Transport Market)*[4] ukoll jagħmlu użu estensiv tal-istatistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Sabiex twettaq il-kompiti tagħha taħt il-politika komuni tat-trasport, il-Kummissjoni teħtieġ dejta statistika komparabbli, affidabbli, sinkronizzata, regolari u komprensiva dwar l-iskala u l-iżviluppi fit-trasport tal-merkanzija bit-triq minn vetturi rreġistrati fl-UE, u dwar il-grad ta' użu ta' dawn il-vetturi.

Id-dejta miġbura skont ir-Regolament hija importanti ħafna wkoll għal organizzazzjonijiet professjonali, kumpaniji tat-trasport, riċerkaturi u mudellaturi fil-qasam tat-trasport bit-triq, minħabba li għarfien fil-fond tas-suq jgħin sabiex titjieb il-kompetittività tan-negozju fis-settur.

1.4. KOPERTURA TAL-ISTATI MEMBRI U PAJJIŻI OĦRA

Ir-Regolament japplika direttament u fit-totalità kollha tiegħu għall-Istati Membri kollha. Ma għandux għalfejn jiġi traspost fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Huwa jeħtieġ li l-Istati Membri kollha jipprovdu dejta. Skont l-Artikolu 1(3), Malta hija l-unika eċċezzjoni għal din ir-regola, minħabba n-numru żgħir ta' vetturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq irreġistrati f'Malta liċenzjati biex ikunu involuti fit-trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq. Il-ġbir ta' dejta ta' kwalità għolja dwar it-trasport mill-flotta Maltija, jimponi piż sproporzjonat fuq l-operaturi tat-trasport Maltin minħabba li jkollhom jipparteċipaw b'mod iktar frekwenti fl-istħarriġiet mill-kontrapartijiet tagħhom f'pajjiżi oħra.

Il-pajjiżi mhux tal-UE, in-Norveġja u l-Isvizzera jistgħu jipparteċipaw ukoll b'mod sħiħ fil-ġbir ta' statistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012. Iż-żewġ pajjiżi taż-ŻEE l-Islanda u Liechtenstein bħalissa huma eżentati mill-obbligu tal-ġbir ta' statistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq skont ir-Regolament minħabba n-numru limitat tal-flotot rispettivi tagħhom involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq.

Il-pajjiżi Kandidati tal-UE ma jipparteċipawx f'dan il-ġbir ta' dejta.

[3] COM(2011) 144, 28.3.2011.
[4] COM(2014) 222, 14.4.2014.

2. IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT

2.1. KONFORMITÀ MAL-OBBLIGI ĠURIDIĊI

Il-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-provvediment tad-dejta hija ġeneralment tajba. L-Istati Membri kollha jipprovdu s-settijiet ta' dejta mitlubin, bi ftit dewmien. Dan jiżgura l-produzzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja u affidabbli dwar it-trasport tal-merkanzija fl-Ewropa.

2.2. METODI UŻATI GĦALL-ĠBIR TA' DEJTA

Ir-Regolament jipprovdi qafas komuni biex jiżgura ġbir ta' dejta armonizzat u komparabbiltà tar-riżultati. Il-Eurostat jiġbor informazzjoni dwar il-metodi nazzjonali tal-ġbir tad-dejta (l-użu ta' reġistri, metodoloġija ta' kkampjunar, kopertura eċċ) kull tliet snin u jippubblikahom f'*Methodologies used in surveys of road freight transport in Member States and candidate countries (Metodoloġiji użati fi stħarriġiet tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fi Stati Membri u f'pajjiżi kandidati)*.

2.3. PIŻ AMMINISTRATTIV

Ir-Regolament tfassal biex iżomm il-piż fuq l-Istati Membri baxx. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li jirrappurtaw, il-proċessi eżistenti ssodisfaw ir-rekwiżit tal-ġbir tad-dejta u ma kien hemm bżonn li tittieħed ebda miżura speċjali. Il-Eurostat ġabar informazzjoni mill-pajjiżi li jirrappurtaw biex jivvaluta l-piż tal-implimentazzjoni tar-Regolament fuq dawk li jwieġbu.

Ftit Stati Membri kienu kapaċi jivvalutaw il-piż b'mod preċiż, iżda setgħu jinstiltu l-konklużjonijiet li ġejjin.

- għall-provvediment ta' dejta regolari, kważi l-pajjiżi kollha li wieġbu jikkunsidraw il-volum tax-xogħol bħala wieħed aċċettabbli.
- il-piż tal-ġbir tad-dejta jvarja ħafna bejn il-pajjiżi, speċjalment skont is-sistemi nazzjonali disponibbli ta' kompilazzjoni ta' dejta. Il-pajjiżi li żviluppaw sistemi elettroniċi ta' ġbir ta' dejta naqqsu l-piż fuq dawk li jwieġbu u l-piż tal-ipproċessar tad-dejta. Mill-informazzjoni pprovduta, jidher li:
    - il-ħin medju meħtieġ minn dawk li jwieġbu biex jirrappurtaw dejta għal vettura waħda bi vjaġġi matul il-perjodu tal-istħarriġ kien stmat li hu madwar 40 minuta (ivarja minn 5 minuti għal sagħtejn (2));
    - il-ħin medju meħtieġ minn dawk li jwieġbu biex jirrappurtaw dejta għal vettura waħda mingħajr vjaġġi matul il-perjodu tal-istħarriġ kien stmat li huwa madwar 7 minuti (ivarja minn tliet (3) minuti għal 15-il minuta);

Il-piż kemm għall-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika kif ukoll għal dawk li jwieġbu biex iwettqu l-istħarriġ meħtieġ taħt ir-Regolament huwa paċut mill-valur miżjud tal-istatistika li tirriżulta. B'mod partikolari:

- il-Eurostat jiġġestixxi l-mikrodejta nazzjonali kunfidenzjali pprovduta minn kull Stat Membru u jikkompila dejta nazzjonali ddettaljata (Tabelli-D). Dawn it-tabelli jippermettu lil kull pajjiż li jirrapporta biex jikseb informazzjoni statistika kompluta dwar l-attivitajiet kollha tat-trasport tal-merkanzija bit-triq f'pajjiżhom,

inklużi trakkijiet irreġistrati f'pajjiżi oħrajn tal-UE. L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u s-servizz ipprovdut mill-Eurostat jipprevjenu dupplikazzjoni tal-ġbir ta' dejta fuq livell nazzjonali dwar trakkijiet barranin.

- hemm talba qawwija mill-pajjiżi tar-rappurtar għall-istatistika prodotta, minħabba li l-istħarriġ qed jidher li hu utli ħafna għall-monitoraġġ tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-Ewropa.
- il-ġbir u l-immaniġġjar ta' informazzjoni fil-livell ta' mikrodejta jfisser li din tista' tintuża b'mod flessibbli sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet speċifiċi tal-politika tal-UE għal firxa ta' statistika fil-pront, u mingħajr sforz addizzjonali fil-livell nazzjonali, pereżempju biex jiġu abbozzati rapporti jew biex jiġu evalwati miri tal-leġiżlazzjoni u miri politiċi. Fil-prattika, l-eżempji jinkludu l-produzzjoni ta' statistika skont il-klassi tad-distanza, dwar vjaġġi vojta jew dwar kabotaġġ.

2.4. TNAQQIS U SIMPLIFIKAZZJONI TAL-PIŻ AMMINISTRATTIV

Is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż tal-ġbir u r-rappurtar tad-dejta huma waħda mit-tħassibiet kontinwi tal-Eurostat. Il-Eurostat qed jaġixxi abbażi tar-rispons tal-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-istituti nazzjonali tal-istatistika, billi:

1. jipprovdi għodod (eż WebILSE) biex jiffaċilita r-rappurtar tad-dejta reġjonali ddettaljata (NUTS 3);
2. jiżviluppa trażmissjoni awtomata ta' mikrodejta u għodod ta' validazzjoni u rutini, biex jipprovdi rispons lill-Istati Membri dwar il-kwalità tad-dejta u żbalji speċifiċi fuq kull sett ta' dejta;
3. jippromwovi u jgħin fl-istabbiliment ta' kwestjonarji elettroniċi u sistemi ta' rappurtar ibbażati fuq l-internet fil-livell nazzjonali;
4. jorganizza laqgħat regolari tal-esperti nazzjonali mill-Istati Membri kollha sabiex tiġi skambjata prattika tajba u sabiex jiddiskuti l-kwalità tad-dejta, il-problemi u s-soluzzjonijiet.

2.5. VALIDAZZJONI TAD-DEJTA U KWALITÀ TAD-DEJTA STATISTIKA MIBGĦUTA

2.5.1. Validazzjoni tal-mikrodejta u verifiki tas-serje taż-żmien

Filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli għall-kwalità tat-tmexxija tal-istħarriġ dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq, il-Eurostat qed jaħdem biex jidentifika żbalji fid-dejta mibgħuta u biex imantni Sistema tal-IT li taħdem tajjeb ħafna u affidabbli għall-validazzjoni u l-ipproċessar tad-dejta. Il-Eurostat jagħti rispons regolari lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet li jistgħu jeħtieġu investigazzjoni ulterjuri.

Il-pajjiżi li jirrappurtaw jagħmlu kull sforz raġonevoli biex jindirizzaw żbalji ta' dejta. Il-proċedura ta' validazzjoni tal-Eurostat tinkludi passi sabiex tiġi vvalidata mikrodejta u jiġu identifikati żbalji fil-kodiċijiet użati, fil-format u fil-valuri barra mis-serje. Barra minn hekk, isiru verifiki addizzjonali tas-serje taż-żmien għat-trasport nazzjonali, internazzjonali u totali kemm għad-dejta ta' kull tliet xhur kif ukoll għad-dejta annwali:

- mikrodejta: biex tgħinhom jipproduċu settijiet ta' dejta li kemm jista' jkun ikunu mingħajr żbalji, il-pajjiżi li jirrapportaw jirċievu rapport ta' validazzjoni għal kull lott ta' dejta li jintbagħat, li jinkludi dettalji fil-livell ta' mikrodejta li jippermettu li żbalji identifikati jiġu kkoreġuti b'mod iktar faċli. Dan isegwi proċess iterattiv

sakemm l-iżbalji kollha jkunu ġew ikkoreġuti. Il-Eurostat jadatta wkoll ir-regoli ta' validazzjoni tiegħu biex jissodisfa l-bżonnijiet li jinbidlu u biex jiżgura kwalità għolja u msaħħa u konsistenza tad-dejta.

- serje ta' żmien: Il-Eurostat iqis li huwa importanti ħafna li jiġu identifikati outliers fis-serje ta' żmien qabel ma tiġi ppubblikata d-dejta, minħabba li l-istatistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tintuża f'diversi rapporti tal-Kummissjoni u sabiex jinstiltu konklużjonijiet dwar żviluppi fis-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Il-Eurostat jagħti attenzjoni speċifika għall-fatt li l-pajjiżi li jirrappurtaw jikkonfermaw xejriet jekk jiġu osservati varjazzjonijiet sinifikanti. Jekk ikun meħtieġ, jiġu sottomessi settijiet ta' dejta riveduti jew jiġu pprovduti spjegazzjonijiet dwar ir-raġunijiet sottostanti għal varjazzjonijiet serji fis-serje ta' żmien.

B'mod ġenerali, il-pajjiżi kollha li jirrappurtaw jirrevedu d-dejta u jikkoreġu l-iżbalji identifikati.

2.5.2. Valutazzjoni komparattiva tar-riżultati ma' statistika oħra

L-istatistika Ewropea dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq miġbura skont ir-Regolament hija bbażata fuq il-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Kull pajjiż li jirrapporta jiġbor kampjun tal-movimenti, fit-territorju tiegħu u barra t-territorju tiegħu, tat-trakkijiet reġistrati fil-pajjiż, iżda ma jiġborx informazzjoni dwar transport minn operaturi tat-trasport barranin fit-territorju tiegħu. Peress li ebda informazzjoni ma tinġabar darbtejn, minn pajjiżi differenti dwar l-istess attività, il-kwalità tar-riżultati ma tistax tiġi ċċekkjata bl-użu ta' verifiki identiċi. Il-kwalità tal-istatistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tista' tiġi ċċekkjata biss bl-użu ta' sorsi u stħarriġiet kumplimentari ta' dejta.

CAFT huwa stħarriġ li jsir fil-ġenb tat-triq (kull ħamsa jew sitt snin) fuq il-fruntieri Svizzeri. Huwa diffiċli ħafna li jitqabbel mal-istħarriġ ibbażat fuq ir-Regolament (UE) 70/2012 u bi ftit li xejn sovrapożizzjoni. Il-Eurostat, abbażi ta' numru ta' presuppożizzjonijiet, qabbel id-dejta regolatorja tiegħu dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq mad-dejta tas-CAFT (the Cross-Alpine Freight Transport survey). Bl-eċċezzjoni tal-'outliers' moderati, probabbilment minħabba d-daqs żgħir tal-kampjun u l-metodu tal-istħarriġ, hemm tqabbil tajjeb bejn is-sorsi tad-dejta, li jenfasizzaw il-kwalità tad-dejta mibgħuta skont ir-Regolament. Il-Eurostat għandu l-intenzjoni li jirrepeti dan l-eżerċizzju fil-futur sabiex jiżgura l-konsistenza u l-kwalità tal-istatistika prodotta.

2.6. APPOĠĠ METODOLOĠIKU

Il-Eurostat jipprovdi appoġġ metodoloġiku u tekniku kontinwu lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-Regolament u jsir sforz biex tinżamm sistema ta' informazzjoni ta' kwalità għolja ta' dejta u metadejta.

Il-Eurostat jipproduċi żewġ manwali li jinkludu gwida metodoloġika għall-pajjiżi li jirrappurtaw:

- *Road freight transport methodology (metodoloġija għat-trasport tal-merkanzija bit-triq)*, li huwa l-bażi għall-ġbir ta' statistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq

fl-Istati Membri, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA); kif ukoll

- *Methodologies used in surveys of road freight transport in Member States and candidate countries (Metodoloġiji użati fl-istħarriġiet ta' transport tal-merkanzija bit-triq fl-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati)*.

Dawn il-manwali jiġu aġġornati regolarment biex jirriflettu l-iżviluppi tal-ġbir ta' dejta tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. L-aħħar verżjonijiet jistgħu jitniżżlu mill-websajt tal-Eurostat.[5]

[5] http://ec.europa.eu/eurostat/web/transport/publications

3. RIŻULTATI TAL-ISTATISTIKA

3.1. XEJRIET FIT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA BIT-TRIQ FL-UE

3.1.1. Żvilupp tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-UE

It-trasport bit-triq jibqa' l-iktar mod ta' transport importanti tal-merkanzija. F'termini ta' tunnellati-km, huwa jammonta għal iktar minn 70% tal-modi tat-trasport kollha fuq l-art, u dan il-proporzjon kien pjuttost stabbli matul l-aħħar deċennju. Madankollu, il-kriżi ekonomika riċenti kellha impatt sinifikanti fuq it-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-Ewropa. Fl-2012, l-attività tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-UE, imkejla f'tunnellati-km kienet madwar 12% inqas mill-ogħla livell tagħha fl-2007.

It-trasport nazzjonali minn operaturi tat-trasport domestiċi jirrappreżenta kważi żewġ terzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq totali. It-trasport nazzjonali mwettaq minn operaturi tat-trasport barranin jammonta għal madwar 1.5% tat-trasport tal-merkanzija bit-triq kollu u għal madwar 2.0% tat-trasport tal-merkanzija bit-triq nazzjonali kollu. Fl-2012, ir-rata ta' penetrazzjoni tal-kabotaġġ, li tkejjel is-sehem tal-operaturi tat-trasport barranin fis-suq nazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem ħaddieħor, kienet ta' 2.3%. Dan l-aħħar żdiedet xi ftit, b'mod partikolari wara li tneħħew ir-restrizzjonijiet tranżizzjonali fuq l-operaturi tat-trasport mill-pajjiżi li saru membri tal-UE fl-2004 u l-2007.

Il-proporzjon tat-trasport internazzjonali (inkluż transport transkummerċjali) żdied matul l-aħħar deċennju minn 30% tat-trasport tal-merkanzija bit-triq totali fl-2004 għal 33% fl-2012, li jirrifletti l-effett tas-suq uniku fl-Unjoni Ewropea. Madwar 78% tat-trasport internazzjonali jitwettaq minn operaturi tat-trasport irreġistrati f'wieħed miż-żewġ pajjiżi li bejniethom tiċċaqlaq il-merkanzija. Il-kumplament ta' 22% jitwettaq minn operaturi tat-trasport minn pajjiżi terzi Ewropej bħala parti mill-attivitajiet transkummerċjali, l-iktar parti tas-suq li kibret malajr matul dawn l-aħħar għaxar snin.

Fl-2012, l-attivitajiet 'f'isem ħaddieħor' (trasport għal rimunerazzjoni) ammontaw għal 85% tat-trasport tal-merkanzija bit-triq totali, il-kumplament ta' 15% ikunu attivitajiet 'ta' trasport għall-kont proprju'.

Bejn l-2008 u l-2012, il-klassijiet tad-distanza kollha naqsu, bl-iqsar u l-itwal distanzi l-iktar affettwati: Fl-2012, it-trasport f'tunnellati-kilometri għal movimenti inqas minn 150 kilometru naqas bi 15% taħt il-livell tal-2008 filwaqt li għal movimenti itwal minn 1 000 kilometru, naqas b'14%. Barra minn hekk, 56% tat-traġitti tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (f'termini ta' tunnellati-kilometri) huma itwal minn 300 kilometru. Sal-2030, il-politika tal-UE dwar it-trasport għandha l-għan li tbiddel 30% tal-attivitajiet tat-trasport bit-triq fuq dawn id-distanzi itwal għal trasport bil-ferroviji jew fuq l-ilma, u iktar minn 50% sal-2050.

F'termini ta' tunnellati trasporati, il-gruppi ta' prodotti ewlenin li ġew trasportati fl-Istati Membri kienu prodotti tal-minjieri u tal-barrieri (26% tat-total fl-2012), prodotti minerali mhux metalliċi oħrajn (14%), ikel, xorb u tabakk (12%) u prodotti agrikoli (9%). Il-gruppi ta' prodotti ewlenin f'tunnellati-kilometri kienu ikel, xorb u tabakk (17% tat-total), prodotti agrikoli (11%), prodotti minerali oħrajn mhux metalliċi (8%), kimiċi u metalli mhux maħduma (8% kull wieħed), prodotti tal-metall u prodotti tal-injam (7% kull wieħed).

3.1.2. Kabotaġġ

Il-kabotaġġ, jiġifieri trasport nazzjonali f'isem ħaddieħor imwettaq minn operaturi tat-trasport barranin, reġa' jinsab fil-mira tal-attenzjoni tal-politika tal-UE dwar it-trasport. Ir-regoli eżistenti dwar il-kabotaġġ, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1072/2009,[6] qed jiġu evalwati u l-idoneità regolatorja tagħhom qed tiġi vvalutata. Il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam hija ħafna drabi bbażata fuq dejta miġbura skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012. Fl-istess ħin, is-suġġett tal-kabotaġġ qed iżid fl-importanza politika f'numru ta' Stati Membri, kif urew xi diskussjonijiet riċenti fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-istatistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Xi assoċjazzjonijiet professjonali jikkunsidraw li l-livell tal-kabotaġġ huwa ogħla minn dak li hu rifless fl-istatistika uffiċjali tal-Eurostat, għalkemm bħalissa ma hemm ebda evidenza statistika biex tappoġġja din il-klejm.

Minkejja l-proporzjon relattivament żgħir tal-kabotaġġ, b'mod ġenerali hemm bżonn li titjieb iktar il-kwalità tal-istatistika rilevanti. Il-Grupp ta' Ħidma tal-2014 dwar l-istatistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ikkonkluda li t-titjib tal-kwalità ġenerali tal-istħarriġ (billi tiżdied ir-rata tar-rispons, tissaħħaħ il-kwalità tar-reġistri, teħid aħjar tal-kampjuni, titjib tal-għodod tat-trażmissjoni tad-dejta, eċċ) fl-aħħar mill-aħħar itejjeb ukoll il-preċiżjoni tad-dejta dwar il-kabotaġġ. Il-Eurostat se jsegwi mill-qrib l-iżviluppi politiċi f'dan il-qasam u se jerġa' jevalwa s-sitwazzjoni tal-istatistika skont il-każ. Il-Eurostat se jkompli jippubblika wkoll dejta dwar ir-rata ta' penetrazzjoni tal-kabotaġġ biex isaħħaħ id-dibattitu.

3.2. PUBLIKAZZJONI TAD-DEJTA

3.2.1. Tabelli tal-Eurobase

Id-dejta aggregata tittella' fil-Eurobase, il-bażi ta' dejta ta' referenza tal-Eurostat malli jgħaddu mill-verifiki ta' validazzjoni. L-utenti għaldaqstant jistgħu jiksbu tabelli tal-istatistika ddettaljati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 6/2003 dwar it-tixrid ta' l-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq, ibbażati fuq dejta mibgħuta skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012, li jkopri l-perjodu mill-1999 'il quddiem. Is-sett ta' metadejta disponibbli fil-Eurobase jiġi aġġornat regolarment biex jirrifletti l-aħħar żviluppi metodoloġiċi fid-diversi pajjiżi tar-rappurtar.

3.2.2. Pubblikazzjonijiet

Il-Eurostat ipproduċa wkoll artikoli fis-sensiela *Statistics Explained*, li jkopru s-suġġetti li ġejjin (ara l-links relatati):

- Xejriet ġenerali fit-trasport tal-merkanzija bit-triq
- It-trasport tal-merkanzija bit-triq skont il-karatteristiċi tal-vettura
- It-trasport tal-merkanzija bit-triq skont il-karatteristiċi tal-vjaġġ
- It-trasport tal-merkanzija bit-triq skont it-tip ta' oġġetti
- L-istatistika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq - il-kabotaġġ

Dawn l-artikli jiġu aġġornati kull sena, kull darba li l-ġbir tad-dejta jiġi finalizzat għal sena ta' referenza partikolari.

[6] ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.

4. PROPOSTI GĦAL ŻVILUPPI ULTERJURI

4.1. SFIDI ĠODDA

Sforzi biex jitnaqqas il-piż fuq dawk li jwieġbu filwaqt li tiżdied ir-rata tar-rispons u l-kwalità tad-dejta sejrin jissoktaw.

Il-Eurostat u l-Istati Membri diġà identifikaw diversi oqsma ta' azzjoni ġodda, bħal:

- l-iżvilupp ta' mekkaniżmi eżistenti ta' rappurtar ta' dejta li jippermettu lil dawk li jwieġbu biex jipprovdu iktar dejta ta' kwalità ogħla filwaqt li jnaqqsu l-piż u l-kost tar-rappurtar: xi pajjiżi li jirrappurtaw diġà bdew jintroduċu standards ġodda bħall-format XML, li jippermetti li dejta tintbagħat iktar malajr filwaqt li tiżdied il-konsistenza u l-affidabbiltà tagħha;
- l-użu ta' sistemi elettroniċi ta' nollijiet li jikkumplimentaw u jivvalutaw b'mod komparttiv ir-riżultati tal-istħarriġ u li jtejbu l-kwalità tad-dejta;
- l-isfruttar ulterjuri tad-dejta disponibbli għall-mudellar tal-flussi tat-trasport u biex jiġu stabbiliti parametri utli għall-poltika tat-trasport u l-immudellar, bħal fatturi ta' tagħbija medji skont it-tip ta' transport jew klassi ta' distanza;
- l-użu ikbar tar-riżultati tal-istħarriġ għall-evalwazzjoni tal-ftuħ tas-suq, l-effiċjenza tat-trasport, ix-xejriet tas-suq tat-trasport bit-triq u l-qasma modali;
- li r-riżultati tal-istħarriġ ikunu magħmulin aktar utli għall-produzzjoni ta' statistiċi aktar dettaljati dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport bit-triq.

4.2. PROPOSTI GĦALL-IŻVILUPP TAL-BAŻI ĠURIDIKA

Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru 70/2012 jipprovdi bażi tajba għall-evalwazzjoni tas-suq attwali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, ġew identifikati modi kif jiġu indirizzati bżonnijiet ġodda tad-dejta li jirriżultaw mill-iżviluppi tal-politika mingħajr ma jiżdied b'mod sinifikanti l-piż tar-rappurtar. Dawn jistgħu jiġu diskussi mal-Istati Membri f'laqgħat futuri tal-Grupp ta' Ħidma.

Dan jista' jinkludi:

- ġbir ta' dejta dwar il-konsum tal-enerġija fit-trasport tal-merkanzija bit-triq: ġbir ta' dejta ta' dan it-tip, li diġà sar minn xi Stati Membri, jista' inizjalment jiġi introdott fuq bażi volontarja u f'livell aggregat (fuq bażi annwali biss); dan jippermetti valutazzjoni iktar preċiża tal-impatt tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fuq il-produzzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;
- ġbir obbligatorju ta' dejta dwar "vjaġġi vojta": bħalissa dan huwa fakultattiv skont dan ir-Regolament, u mhux il-pajjiżi kollha jirrappurtaw il-kilometraġġ ta' vetturi vojta; jekk dan il-ġbir isir obbligatorju, tkun tista' ssir valutazzjoni aħjar tal-effiċjenza tal-enerġija u tal-effiċjenza operazzjonali tas-settur tal-UE tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

5. KONKLUŻJONIJIET

L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 70/2012 kellha impatt li fil-parti l-kbira tiegħu kien wieħed pożittiv, li jippermetti produzzjoni rapida ta' riżultati komparabbli, ta' kwalità għolja.

Il-Eurostat jagħmel sforzi konsiderevoli biex jgħin lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-Regolament u jipproduċu statistiċi ta' kwalità għolja. Huwa żviluppa sistema ta' informazzjoni, u introduċa metodi ta' komunikazzjoni li jimminimizzaw il-piż tal-ġestjoni tad-dejta mill-pajjiżi li jirrappurtaw. Il-Eurostat kontinwament qiegħed jadatta r-regoli ta' validazzjoni tiegħu sabiex jagħmilhom iktar prattiċi u effiċjenti għall-ivverifikar u għall-ipproċessar tad-dejta u sabiex jgħin lill-Istati Membri jnaqqsu l-piż tar-rappurtar kemm ta' dawk li jwieġbu kif ukoll tal-amministrazzjonijiet.

Ir-Regolament wera li huwa indispensabbli għall-produzzjoni ta' statistika nazzjonali u tal-UE dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq u sabiex jiġi evitat xogħol doppju. L-istatistika tintuża regolarment fil-monitoraġġ u fil-valutazzjoni ta' politiki tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fil-livell nazzjonali u tal-UE. Il-pubblikazzjoni tad-dejta żiedet il-viżibbiltà tagħhom u pprovdiet redditu aħjar fuq l-investiment tar-riżorsi.